**19 ta' Mejju, 1995**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. J.A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**

Philip Wismayer *et*

*versus*

Carmelo sive Charles Wismayer *et noe*

**Kjamata in Kawża**

*Kull kjamat fil-kawża jrid bilfors ikun konvenut għaliex ħadd ma jista'*

*jiġi mġiegħel jagħmel kawża sa wara l-ġudizzju ta' jattanza.*

*Ormai huwa preponderatament stabbilit illi l-kjamata in kawża għandha tingħata dejjem f'dawk il-każijiet li fihom, jekk ma tingħatax, l-effett prattiku jkun sempliċement li l-identika kawża terġa' tinbeda fuq atti simili (jekk mhux identiċi) bl-addizzjoni tal-persuni mħollija barra bħala konvenuti.*

*L-unika problematika li għadha qed tiġi xi ftit dibattuta tirrigwarda kjamata in kawża li sservi mhux biex iżżid mal-konvenuti oriġinali imma sservi biex addirittura tissostitwihom - sostituzzjoni flok addizzjoni.*

Il-Qorti:-

L-atturi, b'ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, talbu lil dik il-Qorti biex tiddikjara li jeżistu ċirkostanzi tali li jwasslu għax-xoljiment tal-kumpannija WISCO International Limited u għalhekk tgħaddi biex tordna l-istess xoljiment;

Ġew imħarrka l-azjonisti kollha, pero` billi tlieta minhom kienu nisa miżżewġa ġie objettat illi l-ġudizzju m'huwiex integru għaliex żwieġhom, amministraturi tal-beni parafernali, ma kinux fil-kawża;

Fis-seduta tal-20 ta' April, 1993 l-atturi talbu li difatti Raphael żewġ Eliżabeth Farrugia, Sergio żewġ Gloria Zampa u Roger żewġ Gillian Degaetano jiġu kkjamati in kawża;

Oswald Wismayer u l-kumpannija rrimettew ruħhom iżda l-konvenuti l-oħra kollha opponew;

F'dan l-istadju skond il-malaprassi korrenti, l-atturi biex isaħħu

t-talba għall-kjamata in kawża, ma kkontentawx li jagħmlu riferenza għall-ġurisprudenza imma addirittura esibew fotokopji ta' tnejn mit-tliet sentenzi riferiti, għaliex dawn huma ppubblikati fil-Kollezzjoni. Meno male kienu prudenti u ma esibewx almenu xi għoxrin kopja ta' sentenzi oħra li jsostnu t-teżi tagħhom;

Din il-Qorti tirringrazzja lill-konvenuti li llimitaw ruħhom - kif għandu dejjem isir - li jassenjalaw is-sentenzi li invokaw, u dan għaliex naturalment kien ikun verament spettakolari kieku huma wkoll għamlu fotokopji tas-sentenzi favur it-teżi tagħhom - sabiex il-Qorti ta' l-ewwel grad - li ppermettiet l-ewwel esebizzjoni - kien ikollha volum jew tnejn allegati ma' l-atti ta' din il-kawża u dan fi studju preliminari;

Intant fl-24 ta' Mejju, 1993 ingħatat digriet biex jirregola l-kwistjoni, li bih l-ewwel Qorti, wara li għaddiet in rassenja diversi sentenzi, segwiet is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' **Madalena Caruana *vs* Dr. Edgar Grima** (Vol. XXI.II.144) u mhux dik ta' din il-Qorti ta' l-Appell ta' l-1963 u qalet:

"Hanwhekk din il-Qorti kienet qiegħda tibbaża ruħha fuq ġurisprudenza ta' l-istess sena fil-każ **Dr. A. Caruana *vs* Dr. Edgar Buhagiar**, Appell Ċivili 4 ta' Marzu, 1963 fejn l-istess Qorti, *riconoscendo* n-neċessita` li persuni li ma kinux fil-kawża jiffurmaw parti mill-ġudizzju, għandha hi stess tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tikkjamahom fil-kawża;

Issa, pero`, f'dan il-każ partikolari ma hemmx dubbju li żwieġ il-konvenuti in kwistjoni għandhom interess bħal tan-nisa tagħhom. Iżda huwa daqstant veru illi tali interess kien jeżisti mill-ewwel, ċjoe` qabel ma ġiet intavolata l-kawża;

Jidher għalhekk illi hawn ma huwiex każ ta' kjamata fil-kawża, bensi l-każ ta' korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, li naturalment imbagħad trid tiġi deċiża fuq il-merti tagħha;

Bħal fil-każ ġa' ċitat **Madalena Carauna** ***vs*** **Dr. Edgar Grima** meta mara miżżewġa taġixxi waħedha, id-difett ma jistax jiġi ssanat bil-kjamata fil-kawża tar-raġel biex hu japprova l-atti, apparti l-kwistjoni jekk dak ir-rimedju jistax jiġi applikat billi l-interess tar-raġel kien ġa' jeżisti meta saret l-azzjoni tal-mara;

Pero' l-Qorti, biex jiġu evitati spejjeż tista' tippermetti jew tordna l-korrezzjoni ta' l-atti ...." (Prim'Awla 20 ta' Awissu, 1943);

Naturalment din il-korrezzjoni tingħata jekk sostanzjalment ma tbiddel xejn mill-meritu tal-kawża u taċ-ċitazzjoni kif impostata;

Issa din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tistenna li ssir it-talba għall-korrezzjoni mill-attur, imbagħad takkordaha, iżda jidhrilha li għandha tieħu l-linja li tordna *sua sponte* tali korrezzjoni fl-interess ta' l-ispeditezza;

U hu preċiżament dan illi din il-Qorti jidhrilha li għandu jsir f'dan il-każ għar-raġunijiet u motivi diġa' espressi;

Il-Qorti għalhekk tordna l-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u kull fejn hu neċessarju billi t-tlett ismijiet tal-konvenuti Farrugia, Zampa u Degaetano jiġu jidhru kif ġej:

Elizabeth mart Raphael Farrugia, Gloria mart Sergio Zampa u Gillian mart Roger Degaetano u l-istess Raphael Farrugia, Sergio Zampa u Roger Degaetano fil-kwalita' tagħhom ta' amministraturi

tal-beni parafernali tar-rispettivi nisa tagħhom";

Dan id-digriet ma ssodisfa lill ħadd u appellaw il-konvenuti li kienu qajmu l-oġġezzjoni għaliex huma la ma jridux il-kjamata in kawża, wisq anqas iridu "korrezzjonijiet" li jannullaw dawk l-oġġezzjonijiet tagħhom u appellaw inċidentalment l-atturi għaliex il-proċedura korretta hija dik li talbu huma u mhux dik li ordna d-digriet ta' korrezzjonijiet *ex officio*;

L-ewwel Onorabbli Qorti sfortunatament ma nnutatx illi fil-każ tas-sentenza li għażlet li ssegwi **Caruana *vs* Dr. Grima** - il-kjamata in kawża ma setgħetx issir għaliex ir-raġel ta' Caruana li kien tħalla barra, kellu jkun attur ma' martu mentri kull kjamata fil-kawża jrid bilfors ikun konvenut għaliex ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jagħmel kawża salv wara ġudizzju ta' jattanza u każijiet ta' kostrizzjonijiet fakoltattivi, kif paradossalment jistgħu jiġu deskritti. Dan minn barra konsiderazzjonijiet oħra; għaliex din il-Qorti għandha r-riżorsi tagħha rigward min għandu jkollu l-interess ġuridiku veru u proprju u safejn, li jagħti eċċezzjonijiet ta' din in-natura;

Għalhekk is-soluzzjoni ta' "korrezzjoni" adottata f'**Caruana *vs* Dr. Grima** billi l-kjamata ma setgħetx tingħata u l-kwalita` tar-raġel bħala li qed jassisti 'l-martu żdiedet billi ntqal ukoll li "u bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti", f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti rrikorriet għal dik is-soluzzjoni possibbli;

Intant pero`, huwa manifest li ormai huwa preponderatament stabbilit illi l-kjamata in kawża għandha tingħata dejjem f'dawk il-każijiet li fihom, jekk ma tingħatax, l-effett prattiku jkun sempliċement li l-identika kawża terġa' tinbeda fuq atti simili (jekk

mhux identiċi) bl-adizzjoni tal-persuni mħollija barra bħala konvenuti. L-unika problematika li għadha qed tiġi xi ftit dibattuta tirrigwarda kjamata in kawża li sservi mhux biex iżżid mal-konvenuti oriġinali imma sservi biex addirittura tissostitwihom - sostituzzjoni flok addizzjoni. Pero` dan m'huwiex il-każ preżenti;

Il-Qorti mbagħad innutat illi jekk in-nisa miżżewġa oġġezzjonaw li żwieġhom m'humiex qegħdin fil-kawża magħhom, kif imbagħad ikomplu joġġezzjonaw meta dawn ikunu se jiġu mdaħħla? Tattiċiżmi proċedurali ta' din il-levatura din il-Qorti ma tistax ma tiddisapprovahomx severament għaliex joffendu l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali;

Huwa mbagħad aktar u aktar manifest li hawnhekk si trattava ta' tliet persuni li m'humiex partijiet fil-kawża, jidħlu fiha *di diritto* u dan jinvolvi l-korrezzjoni ta' żball ta' ommissjoni ta' min għandu jkun parti fil-kawża u mhux żball tal-kitba u bil-korrezzjoni tal-kitba jista' jissewwa. Sewwa inċidentalment appellaw l-atturi u m'aċċettawx il-"korrezzjonijiet" favorevoli għalihom imma illegali;

Il-Qorti għalhekk se ssegwi dak li ġie minnha deċiż in materja: ara **Avukat Dottor Henry Mamo *nomine* vs Angelo Xuereb *nomine*** tas-27 ta' Lulju, 1993 (Vol. LXXVII - II - 263);

Għaldaqstant din il-Qorti qed tirregola l-kwistjoni billi tirrevoka d-digriet ta' l-24 ta' Mejju, 1993 u tibgħat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex issir id-debita kjamata in kawża kif mitluba u wara titkompla l-kawża skond il-liġi;

L'occhio tal-kawża għandu jirrifletti din id-deċiżjoni;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenuti barra dawk ta' Oswald Wismayer u tal-kumpannija li għandhom jitħallsu wkoll mill-konvenuti l-oħra.